**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**

## Laqgħa Nru. 22-07/2016

Data: 13 ta Ġunju 2016

Hin: 5.30pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Barun (KB) | – *Sindku* |
| | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Herman Schiavone (HS) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| Assenti: | Nil | |
| Pubbliku | 1 | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;

6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ
10. Rapport Annwali Amministrattiv 2015
11. Festa tal-Lokal
12. Proġetti
13. Traffiku u parkeġġ
14. Indafa u Ambjent
15. Ġonna, Parks u Soft areas
16. Utilitajiet u Servizzi
17. Infrastruttura
18. Attivitajiet
19. Bye-laws
20. Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ
21. Materji Oħra
22. Aġġornament.

## Minuti - 20-07/2016

Is-Sindku informa li l-Kunsilliera LG talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta saħħa.

Il-Kunsillier SZ talab li jsir ħsieb żgħir fuq missier il-Contracts Manager tal-Manager, Perit Carmel Cacopardo, u dan fid-dawl li s-Sur Joseph Cacopardo ħalla din id-dinja propju jumejn qabel.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku KB ressaq il-minuti tal-għoxrin (20) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 4.4.1 u talab li l-kliem "Santa Rita" jiġi sostitwit bil-kliem "Brolli, bejn Triq Santa Rita u Triq il-Port Ħieles." Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.2. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 4.6 u talab li l-kelma "Shell" tiġi sostitwita bil-kliem "Depot 31 ta' Marzu". Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 2.3.1 u talab li l-kelma "Papa" tiġi sostitwita bil-kliem "Ġebel / Raddiena". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 7.1.1, titneħħa il-kelma kunsillier. Il-Kunsill qabel unanimament

1.1.5. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien nem con.

1.1.6. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF

1.2. Is-Sindku KB ressaq il-minuti tal-wieħed u għoxrin (21) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2.1. Il-Viċi Sindku JC ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier HS favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.2. Ittieħed vot. Il-Kunsillier JB astjena mill-vot minħabba li kien skużat. Il-Membri l-oħra preżenti approvaw unanimament.

1.2.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF

# 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Is-Sindku talab li jitqajmu punti mill-minuti tal-laqgħa 20.

2.2. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 2.2 (20), u informa li wara li saret il-verifika neċessarja, il-U-barrier imsemmija ma twaħħletx minħabba li r-residenza tinsagħab il-fuq ħafna miż-żona problematika.

2.3. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 2.1 (20) u informa li l-Perit tal-Kunsill lesta l-pjanti u d-disinni, liema proġett ġie stmat €51,000. Huwa informa li €30,000 huma *fencing*. Is-Sindku kompla billi qal li d-disinn u l-istima intbagħtet lil Onor Justyne Caruana għal konsiderazzjoni.

2.4. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 2.5.1 u informa li Jum Birzebbuga ser isir fl-10 ta' Settembru 2016, u dan minħabba li l-E.T President tal Malta hija indisposta fid-9 ta' Settembru.

2.5. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 5.4.1 u staqsa lil Viċi Sindku jekk kienx hemm tweġiba minn naħa tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet. Il-Viċi Sindku informa fin-negattiv. Is-Sindku talab li tintbagħat talba uffiċjali sabiex id-dipartiment imsemmi jassisti billi iwettaq ix-xogħolijiet.

2.6. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-materja 2.2 u informa li l-Onor Joe Farrugia għamel mistoqsija parlamentari bin-numru 25798, li titratta l-kontribuzzjoni ta €955,000 tal-Freeport, liema mistoqsija ingħatat tweġiba mill-Onor Prim Ministru Joseph Muscat.

2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 2.91 li titratta bankina li titwessa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħolijiet huma kollha miżmuma fuq direttiva tal-Gvern lokali, u liema materja ser tiġi diskussa waqt il-korrispondenza.

2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 5.21 u informa li t-tabelli saru.

2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 9.3 u informa li l-Perit Lewis mhux qed jirrispondi bix-xogħol rikjest u ma jweġibx e-mails. Is-Sindku KB informa li ser jkellmu għax is-servizz mhux dejjem qed ikun effiċjenti kif mixtieq. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar l-importanza li, għalkemm proġett ma jkunx ser isir immedjatament, id-dokumenti, pjanti u permessi neċessarji għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill sabiex għal meta jinqala l-bżonn.

2.10. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10.82 u qal li jidher li l-istabbiliment kummerċjali ħa l-passi neċessarji fir-rigward tal-kwistjoni tal-iskart u għaldaqstant sar ir-*railing*. Is-Sindku informa li twaħħlet u-barrier fi Triq il-Knisja u hu ma kienx infurmat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jivverifika.

2.11. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10.9.2 u staqsa x'passi ser jieħu l-Kunsill sabiex din il-problema fi Triq il-Port Ħieles tiġi solvuta. Huwa staqsa jekk hux ser isiru tabelli li jindikaw in-numri tal-bibien sabiex b'hekk in-nies ma jibqawx jitfixklu fid-direzzjoni.

2.11.1. Il-Kunsill iddiskuta il-possibbiltà li parti minn Triq il-Port Ħieles tingħata isem differenti. Il-Kunsillier JB qal li huwa ma jaqbilx, minħabba li hemm kien hemm proposta Bye-pass, u jekk it-triq tinqasam, ifisser li l-Kunsill ċeda u l-Bye-pass ma ssirx.

2.11.2. Is-Sindku informa li ċ-ċans li jsir dan il-proġett dejjem jonqos iktar u iktar minħabba li ħareġ permess tal-bini fin-nofs. Huwa fakkar li kien hemm smiegħ fuq applikazzjoni ta żvilupp il-Mepa fuq dan il-każ.

2.11.3. Il-Kunsillier JB qal li huwa ma kienx infurmat, madankollu is-Sindku ġab għall-attenzjoni tiegħu e-mail li intbagħat lil Kunsilliera min-naħa tal-uffiċju, datata 4 ta' Mejju 2016, u għaldaqstant kullħadd kien infurmat

**NB: 6.10pm: Il-Kunsillier JB talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta saħħa.**

2.11.4. Is-Sindku informa li l-applikazzjoni relevanti kienet rakkomandata għal approvazzjoni, u s-smiegħ sar. Is-Sindku informa li huwa kien ingħata il-parir mill-Perit Cacopardo, li ma kienx hemm għalfejn jattendi għas-smiegħ minħabba li l-Kunsill ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu bil-miktub.

2.11.5. Is-Sindku informa ukoll li saret laqgħa ġewwa Għar dalam fejn kien hemm diskuss il-proposta li jsir park fuq skala kbira lu tinkorpora zona sostanzjali, u li qeda fil-viċin taż-żona tat-triq inkwistjoni. Huwa żied jgħid li matul il-laqgħa tqajjem il-punt tal-bye-pass, iżda l-arkeoloġisti preżenti għal-laqgħa infurmaw li dik iż-żona hemm fdalijiet arkeoloġiċi importanti fuq skala nazzjonali, u li fuqom għad trid issir ħafna riċerka.

2.11.6. Il-Kunsill kompla jiddiskuti li l-possibilta' li tinbidel l-isem ta parti ta' Triq il-Port Ħieles għall-benefiċċju tar-residenti, u għaldaqstant qabel li tintbagħat ittra lir-residenti ta bejn il-Kostituzzjoni u Triq San Ġużepp sabiex ir-residenti jingħataw l-opportunita jagħtu il-veduti tagħhom.

2.12. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 10.11.3 u preżenta disinn għall-immanaġjar aħjar tat-traffiku permezz ta alterazzjonijiet fis-senjalazzjoni.

2.12.1. Il-Kunsill qabel li jiġu evalwati disinni oħra sabiex ikun f'pożiżżjoni li issir l-aħjar għażla.

2.13. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 11.3 u qal li qed ikun hemm ħafna ilmenti li fil-*hedge* tal-Bajja s-Sabiħa qed ikun il-ġrieden. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil tar-*Rodent Control* jieħdu azzjoni. Il-Kunsill innota il-bżonn ukoll li tingħata attenzjoni lil parti minn hedge minħabba li qed tinxef.

2.14. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 16.1.2 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq l-emendi tal-bye-law tal-barbeques. Is-Segretarju Ezekuttiv informa fin-negattiv.

2.15. Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti tal-laqgħa numru 21.

**NB: 6.34pm: Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat minħabba impenji oħra**

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

3.1. Is-Sindku informa li hemm il-container li kien jintuża mill-Windmills fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill qabel li jitneħħa fis-sajf li ġej minħabba li ser ikollhom il-grawnd il-ġdid u għaldaqstant m'għandhomx bżonnu iktar tiegħu.

3.2. Is-Sindku informa li, wara li saret talba lil MTA, proprju dakinhar il-Kunsill irċieva kopja tal-kuntratti u l-permessi tal-operaturi tal-umbrelel u sunbeds li joperaw fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa informa li ser jikkomunika mal-operaturi sabiex jaderixxi ruħhom mal-kuntratti.

3.3. Is-Sindku ppropona li issir konsultazzjoni mal-avukat u professjonisti oħra tal-Kunsill sabiex tiġi evalwata l-possibilta' li jinfetħu proċeduri legali kontra l-operaturi tal-*Freeport* u dan fuq ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ladarba dak affettwati mhux qed jitħallew jorqdu bil-lejl. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Korrispondenza.

4.1. Permezz ta' E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 3 ta' Ġunju 2016, li titratta l-iżbilanċ Finanzjarju. Id-Dipartiment ħareġ ordni lill-Kunsill sabiex ma jidħolx għal iktar *commitments* ħlief għall-dawk il-kuntratti li l-Kunsill huwa obbligat jagħmel skont il-liġi.

4.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar l-importanza tal-kontenut tal-korrispondenza, u li l-Kunsill għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun aderenti mad-direttiva.

4.1.2. Sindku KB informa li huwa assolutament ma jaqbilx ladarba il-Kunsill qed jaderixxi mal-pjanijiet imfassla fejn hemm provvediment għal sabiex jitranġa dan l-iżbilanċ. U għaldaqstant flus frankati għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill sabiex iwettaq dak ix-xogħol li jkun hemm bżonn.

4.1.3. Is-Sindku fakkar li dan l-iżbilanċ ġie fuq il-Kunsill tort ta Kuntrattur li twaqqaf f'nofs ix-xogħol minn Transport Malta minħabba allegat frodi, u spiċċa qed ibagħti il-Kunsill intortament.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika dwar proċeduri legali li jista' jieħu sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu.

4.2. Permezz ta' e-mail mill-organizzazjoni Info_Peacelab datata 24 ta' Mejju 2016 fejn offrew lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna mill-Parroċċa għal Premju "B'Ħilti Wasalt".

4.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-korrispondenza tingħata lil Federazzjoni tal-Għaqdiet u lil Ċentru Enriketta.

4.3. Permezz ta' e-mail mis-Sur Chris Cassar datata 19 ta' Mejju 2016 fejn f'isem il-Valletta 18, ħeġġeġ lil-Kunsill sabiex jippromwovi l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal, fl-avveniment "L-Ikla t-Tajba.

4.3.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li din il-korrispondenza ġiet diskussa fil-laqgħa tal-federazzjoni. Huwa żied ukoll li ippropona id-29 ta Ġunju, u għaldaqstant din l-attività tista' tiġi integrata fl-attività tal-Kunsill Espressjonijiet Maltin". Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tkompli tiġi segwita għas-sena d-dieħla.

4.4. Permezz ta' ittra mibgħuta e-mail mis-Sur Ivan Zammit, Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birzebbuga, fejn f'isem l-għaqda, talab permess sabiex tingħalaq Triq Birzebbuġa fid-29 ta' Lulju mill-5.30 sa nofs il-lejl, u dan sabiex ikun jista isir BBQ.

4.4.1. Il-Kunsilliera JBD iddikjarata kunflitt t'interess u għaldaqstant ma ppartecipatx fid-diskussjoni

4.4.2. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill (eskluż il-Kunsilliera JBD) qabel unanimament li jgħati l-permess relevanti.

4.5. Permezz ta' ittra iffirmata minn diversi persuni, li titratta dwar il-proposta mill-Ministeru rilevanti rigward il-ċentralizzazzjoni tal-Cat Caffees, dwar talba għall-sponsorships, u dwar manutenzjoni taħt il-promenade fil-parti ta quddiem il-każin tal-Partit Laburista.

4.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tiġi risposta punt punt, li ssuġġeriment ta ċentralizzazzjoni huwa infatti sabiex ikun hemm kontroll ta mard, u ta ġrieden, f'każ li din issir tkun imħaddma mill-*cat feeders* eżistenti li jiġu reġistrati, flimkien mal-ministeru. Il-Kunsill irrimarka wkoll li ma jistax jagħti donazzjonijiet u sponsorships.

4.5.2. Fir-rigward tal-manutenzjoni u tindif, il-Kunsill qabel li għandu jivverifika, u jwettaq dak li huwa possibli.

4.6. Permezz ta' ittra mis-Sur James Saliba fejn talab permess sabiex jarma *Bouncy Castle* fil-Bajja s-Sabiħa bejn il-Water's Edge u l-bandli, fi tmiem il-Ġimgħa, kull ħmistax, sal-aħħar ta' Settembru.

4.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jingħata l-permess bil-kundizzjonijiet normali, u eskluż il-weekend tal-attivita' tal-Kunsill u eskluż il-ġranet fejn hemm attivitajiet simili.

4.7. Permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2016 mingħand il-Kappillan fejn talab permess sabiex jorganizza attività- Lejla Sajfija, fi Ġnien L-Indipendenza, li jiġi fornut b'sors ta elettriku, kif ukoll b'mobile toilets u ġabra tal-iskart bejn il-ġranet tal-attività

4.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill unanimament

4.8. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Ġunju 2016 mingħand il-Kappillan fejn talab assistenza tal-Kunsill, sabiex jiġi pprovdut sors ta elettriku għall-attivita fi Ġnien il-Papa, u numru ta *clearances* ta vetturi /kontroll ta' mwejjed u siġġijiet f'dati varji sabiex isiru numru ta attivitajiet.

4.8.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar jekk hux ser jitkompla il-promenade ta Wied il-Buni, il-parti li għandha ma saritx.

5.1.1. Il-Kunsill qabel li titkompla permezz ta' railing b'pajpijiet eżistenti.

5.1.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jinġabu stimi ta railings li jikkumplimenta ma dak eżistenti b'materjal varja bħall-ħadid galvanizzat, fibreglass, u stainless steel.

5.2. Il-Kunsillier JBD staqsa lis-Sindku dwar l-attivitajiet u jekk tkompliex taħdem fuqhom minħabba id-direttiva riċevuta riċenti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.2.1. Is-Sindku KB wieġeb li sakemm dawn huma sponsorjati u l-Kunsill mhux ser joħroġ fondi mill-allokazzjoni, dawn jistaw isiru,

5.2.2. Is-Sindku KB informa l-Kunsill li San Luċjan Oil offra €500 sponsorships għar-reklamar tal-attività.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Ma Kienx hemm materji / rapporti u minuti tal-Kumitati / sotto-kumitati imressqa.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 06/16 li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier SZ staqsa rigward pagament numru 23. Is-Sindku informa li l-ħlas huwa depożitu, madankollu, preżentement L-uffiċju qed jiddiskuti mal-MTA sabiex id-depożitu jitnaqqas bin-nofs.

7.1.2. Il-Kunsillier SZ staqsa rigward pagamenti numri 14 u 15 pagabbli lill-ARMS u talab sabiex issir verifika, minħabba li l-konsum huwa kemxejn għoli.

7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-rizultat ikun favur unanimament.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-Balance Sheet ta' Marzu 2016.

7.2.1. Is-Segretarju informa li huwa sodisfatt bir-riżultat li qed jiġi ottenut, u l-Kunsill qed jilħaq il-miri tiegħu biex joħroġ mis-sitwazzjoni li jinsagħab fiha ta FSI negattiv. Huwa pjanat li dan iseħħ sal-aħħar tas-sena 2017.

7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet pubbliċi riċevuti, flimkien mal-iskedi relevanti:

7.3.1. BLC-Q-03-16 – Provvista ta' Garbage Bags. Kien hemm żewġ offerti sottomessi, dik minn Dove's Petshop, u dik ta Progressive Solutions. Il-Kunsill approva li tintagħżel l-irħas offerta sottomessa, jiġifieri dik ta Dove's Petshop.

7.3.2. BLC-Q-04-16 – Provvista ta Zebgħa. Kien hemm tlett offerti sottomessi, dik minn JJ Ironmongery, Colero General Supplies, u Charlie's Ironmongery. Il-Kunsill approva li jintagħżlu l-irħas offerti sottomessa, skont it-tip ta żebgħa.

7.3.3. BLC-Q-05-16 – Provvista ta Cold Asfalt. Kien hemm offerta waħda sottomessa, dik minn Central Asphalt, bil-prezz ikun wieħed kompetittiv. Għaldaqstant il-Kunsill approva li tintagħżel l-unika offerta sottomessa.

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 9. Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ

9.1. Is-Sindku fakkar li sad-data tal-għeluq kien hemm applikazzjoni waħda sottomessa, dik tas-Sinjorina Amanda Vella.

9.1.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mis-Sindku KB favur l-ħatra tas-Sinjorina Amanda Vella bħala l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żagħżagħ, b'effett mill-14 ta'Ġunju 2016. Ittieħed Vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 10. Rapport Annwali Amministrattiv

10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport Annwali Amministrattiv tas-Sena 2015, liema rapport ġie ikkunsidrat moqri.

10.2. Il-Kunsill approva id-dokument.

## 11. Festa tal-Lokal

11.1. Is-Sindku KB ressaq numru ta applikazzjonijiet tal-permessi imressqa miż-żewġ baned tal-lokal, u li jinkludi daqq ta marċi, armar ta strutturi, u għeluq ta toroq, f'dati u ħinijiet varji.

11.1.1. Il-Kunsilliera JBD iddikjarat konflitt t'interess, u għaldaqstant ma pparteċipatx fid-diskussjoni.

11.1.2. Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, li tirrigwarda l-marċ u t-tlugħ ta statwa, u qabel li ma jsibx oġġezzjoni għall-marċ, u li jħalli l-materji l-oħra għad-diskrezzjoni tal-Pulizija u l-entitajiet kompetenti.

11.1.3. Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, li tirrigwarda għeluq ta parti minn Misraħ il-Knisja mis-2.00 p.m. sabiex tintrama l-istruttura tan-nar, u tiżżarma il-Ġimgħa fit-3.00am.

11.1.3.1. Il-Kunsill innota li din l-għeluq toħloq inkonvenjent kbir għar-residenti tan-naħa tal-Brolli, u għaldaqstant qabel li għandhom jingħataw iktar dettalji.

11.1.3.2. Il-Kunsill qabel li jekk it-traffiku, minn Zaren Dalli jkun jista' jdur, jinżel lura sa Triq Birzebbuga, u għaldaqstant ir-roundabout ma tkunx affetwata, allura ma hemmx oġġezzjoni.

11.2. Is-Sindku tkellem dwar il-permessi tal-Imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill qabel li permessi jinħarġu bħas-sena l-oħra.

11.3. Is-Sindku tkellem dwar il-posti ta' stalls u kiosks u sussegwentement l-użu ta dawl. Huwa spjega li sabiex intaffu il-problema ta *over-loading*, ġie propost li il-Kunsill iħalli l-operaturi jużaw ġeneraturi sakemm dawn ikunu silenzjużi. Il-Kunsill qabel.

11.4. Il-Kunsill qabel li fil-ġimgħa tal-festa, jinġabar l-iskart kull meta jkun hemm bżonn, inkluż is-Sibt tal-festa, u l-Ħadd.

11.5. Il-Kunsill qabel li fi żmien tal-festa, ix-xatt tal-Bajja s-Sabiħa għandu jkun magħluq għall-vetturi, bħas-snin preċedenti.

11.6. Il-Kunsillier Stanley Zammit informa li l-Għaqda tal-Armar talbet sabiex quddiem Il-Kappella tad-Duluri jintramaw 2 kolonni antiki.

11.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li issr verifika tal-bażi tagħhom sabiex jiġi identifikat jekk din hux ser jostakola l-bankina.

## 12. Proġetti

12.1. Is-Sindku informa li l-Proġett tat-Tourist Trail ffinanzjat mill-*Foundation for Tourist Zones Development* fi ħdan l-MTA miexi ġmielu, fejn il-pannelli informattivi twaħħlu kważi kollha, twaħħlu *noticeboards* bil-mapep tal-lokalita' inkluża, u l-website qegħda fi stadju ta finalizzazzjoni.

12.2. Is-Sindku informa li l-Proġett tal -Urban Greening miexi kif pjanat, u l-offerti jgħalqu u jinfetħu nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju.

## 13. Traffiku u Parkeġġ

13.1. Is-Sindku tkellem dwar sewqan eċċessiv fi Triq San Gwann, bejn Triq iż-Żurrieq u Triq iż-Żibra.

13.1.1. Il-Kunsillier SZ fakkar li hemm disinn approvat, iżda sakemm ma tiġix aġġudikata l-offerta ta dawn ix-xogħlijiet, żgur ma jistax isir il-proġett. Nelfrattemp, hemm ukoll id-direttiva tad-Dipartiment tal-Gvern lokali, u għaldaqstant, dan il-proġett ser jibqa' pendenti.

13.2. Il-Kunsill innota li faċċata ta fejn joqgħod it-Tabib Chircop, kien hemm żewġ mirja, li inkissru, u għaldaqstant il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinbidlu.

13.3. Il-Kunsill tkellem dwar korrispondenza mill-KNPD fejn kien hemm talba sabiex isir parkeġġ komunali għal-*Blue Badge* Holders f'Dawret Qalb Imqaddsa. Il-Kunsill qabel li issir it-talba formali lil-Transport Malta.

13.4. Il-Kunsill innota li fis-sena preċedenti, il-Kunsill ħa l-inizjattiva li joffri spazju ta parkeġġ ġo Birżebbuġa billi intlaħaq arranġament mas-Surmast tal-Iskola.

13.4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ma jistax isir sakemm ma jkunx *self sustainable*, u b'hekk il-Kunsill ma jkunx qed jidħol fi spejjeż

## 14. Indafa u Ambjent

14.1. Il-Kunsill innota li qed jidħlu diversi lmenti kif ukoll ġie innutat fiżikament li l-bins tal-promenade qed ikunu mimlijin ta spiss. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi avviċinat il-kuntrattur tal-kunsill u jintalab jagħti iktar attenzjoni u jikkoordina iktar mal-ħinijiet tat-tbattil li qed isir mill-Cleansing Directorate.

14.2. Il-Kunsill qabel ukoll li n-numru ta bins li kienu twaħħlu is-sena l-oħra huwa inqas minn kemm kien hemm oriġinarjament, u għaldaqstant, il-Kunsill qabel li issir talba sabiex dawn jiżdiedu.

14.3. Is-Sindku Kevin Barun ser jitlob lil Kunsillier HS sabiex jieħu ftit ħsieb dawn il-materji u jintervjeni fejn meħtieġ.

14.4. Il-Viċi Sindku JC informa lill-Kunsill li sid il-pompa tal-petrol ta Misraħ is-Summit kien ikkonfermalu li ser jagħti donazzjoni ta erbgħa kontenituri ta l-iskart.

## 15. Ġonna, Parks u Soft Areas

15.1. Is-Sindku informa li d-diskussjonijiet mal-Uffiċju tal-President fuq il-proġett tal-*iskate park* Update on Skatepark, mixjin.

## 16. Utilitajiet u Servizzi

16.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 17. Infrastruttura

17.1. Il-Kunsill innota li Triq Zaren Dalli qed tinżel / tisfronda u hemm bżonn li tingħata attenzjoni sabiex ma ssirx iktar ħsara. Il-Kunsill innotat wkoll li possibbilment, din ma tirrekjedix sempliċiment wiċċ ġdid, imma rikostruzzjoni mill-bażi tagħha.

17.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jekk hu l-każ, rikostruzzjoni ta toroq mhijiex fil-kompetenza tal-Kunsill, u fl-istess waqt, il-Kunsill mhuwiex f'pożiżżjoni li jagħmel l-ebda proġett.

## 18. Attivitajiet

18.1. Il-Kunsilliera JBD infurmat li fir-rigward tal-Attivitajiet Inġeddu Tfulitna u Espressjonijiet, kollox miexi kif pjanat, u il-programm huwa magħluq taż-żewġ attivitajiet. Hija infurmat li baqa' ftit materji ta loġistika x'jiġu konklużi Is-Sindku KB, Il-Kunsilliera JBD, u il-Kunsillier SZ qablu li ser imorru fuq il-post sabiex isiru l-aħħar verifiki dwar il-loġistika u l-bżonnijiet anċillari.

18.2. Il-Kunsilliera JBD infurmat li infetħu żewġ Facebook Events, u ħeġġet lill-membri preżenti biex jixerjaw l-event. Hija żiedet tgħid li s'issa l-ispejjeż diġà laħħqu it-€8,000.

18.3. Il-Kunsilliera JBD infurmat ukoll li ser attività tal-Fathers Day

18.4. Il-Kunsilliera JBD infurmat ukoll bl-attivitajiet ippjanat għax xhur li ġejjin, li huma, Ġurnata Għawdex fit-13 ta Lulju, mawra sal-Fiera ta Montekristo fis-16 ta' Lulju,, BBQ fl-Imperial Hotel fis-26 t'Awwissu, u Harbour Cruise fl-24 ta Settembru 2016.

18.5. Il-Kunsillier SZ fakkar ukoll fl-attività tas-26 ta' Ġunju, li hija ġurnata s'Għawdex

## 19. Bye-Laws

19.1. Is-Sindku KB tkellem dwar l-importanza li jkompli l-proċess tal-Bye-Laws, liema proċess diġà beda.

19.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kompla ix-xogħol relatat, u saret il-komunikazzjoni neċessarja mad-Dipartiment. Huwa informa ukoll li qed isir xogħol fuq bye-laws ġodda għall-Kunsill ta Birżebbuġa

## 20. Materji Oħra

20.1. Il-Viċi Sindku JC issuġġerixxa li isir materjal protettiv bħall-*perspex* fuq il-mapep tal-lokalita' li saru riċenti..

## 21. Aġġornament tal-laqgħa

21.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 13 ta' Ġunju 2016 fil-5.30pm. .

Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m

**[Iffirmati]** **[Iffirmati]**

*Kevin Barun*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***18 ta' Lulju 2016***